

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B** **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/405**

tat-24 ta' Marzu 2021

li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti animali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 114, 31.3.2021, p. 118)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/606 tal-14 ta' April 2021	L 129	65	15.4.2021
► <u>M2</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1327 tal-10 ta' Awwissu 2021	L 288	28	11.8.2021
► <u>M3</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1469 tal-10 ta' Settembru 2021	L 321	21	13.9.2021
► <u>M4</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/34 tat-22 ta' Diċembru 2021	L 8	1	13.1.2022
► <u>M5</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/363 tat-2 ta' Marzu 2022	L 69	40	4.3.2022
► <u>M6</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1389 tat-2 ta' Awwissu 2022	L 210	1	11.8.2022
► <u>M7</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2293 tat-18 ta' Novembru 2022	L 304	31	24.11.2022
► <u>M8</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/514 tat-8 ta' Marzu 2023	L 71	11	9.3.2023
► <u>M9</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/334 tad-19 ta' Jannar 2024	L 334	1	22.1.2024

Ikkoreġut minn:

- **C1** Emendi, Ġ.U. L 72, 7.3.2022, p. 8 (2022/363)



**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI
(UE) 2021/405**

tat-24 ta' Marzu 2021

li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti animali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti animali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mal-Artikolu 126(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) “laħam frisk” tfisser laħam frisk kif definit fil-punt 1.10 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (2) “preparati tal-laħam” tfisser preparati tal-laħam kif definiti fil-punt 1.15 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (3) “solipedi domestiċi” tfisser animali tal-ispeċijiet *Equus caballus*, *Equus asinus* u r-razez inkroċjati tagħhom;
- (4) “solipedi selvaġġi” tfisser animali tas-subġenus *Hippotigris*;
- (5) “ġewwieni” tfisser ġewwieni kif definit fil-punt 1.11 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (6) “laħam” tfisser laħam kif definit fil-punt 1.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (7) “ikkapuljat” tfisser laħam ikkapuljat kif definit fil-punt 1.13 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (8) “pollam” tfisser pollam kif definit fil-punt 1.3 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (9) “leporidae selvaġġi” tfisser fniek u fniek tal-liebru li ma jinżammux mill-bnedmin;
- (10) “kaċċa salvaġġa” tfisser kaċċa salvaġġa kif definita fil-punt 1.5 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

▼B

- (11) “kaċċa mrobbija” tfisser kaċċa mrobbija kif definita fil-punt 1.6 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (12) “bajd” tfisser bajd kif definit fil-punt 5.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (13) “prodotti tal-bajd” tfisser prodotti tal-bajd kif definiti fil-punt 7.3 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (14) “prodotti tal-laħam” tfisser prodotti tal-laħam kif definiti fil-punt 7.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (15) “stonkijiet, vexxiki u intestini trattati” tfisser stonkijiet, vexxiki u intestini trattati kif definiti fil-punt 7.9 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (16) “budellat” tfisser budellat kif definit fil-punt (45) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;
- (17) “xaħam tal-annimali mdewweb” tfisser xaħam tal-annimali mdewweb kif definit fil-punt 7.5 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (18) “qrieqeċ” tfisser qrieqeċ kif definiti fil-punt 7.6 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (19) “molluski bivalvi” tfisser molluski bivalvi kif definiti fil-punt 2.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (20) “prodotti tas-sajd” tfisser prodotti tas-sajd kif definiti fil-punt 3.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (21) “ħalib mhux ipproċessat” tfisser ħalib mhux ipproċessat kif definit fil-punt 4.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (22) “prodotti tal-ħalib” tfisser prodotti tal-ħalib kif definiti fil-punt 7.2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (23) “kolostru” tfisser kolostru kif definit fil-punt 1 tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (24) “prodotti bbażati fuq il-kolostru” tfisser prodotti bbażati fuq il-kolostru kif definiti fil-punt 2 tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (25) “saqajn taż-żrinġijiet” tfisser saqajn taż-żrinġijiet kif definiti fil-punt 6.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u kwalunkwe saqajn taż-żrinġijiet tal-ġeneri *Pelophylax* mill-Familja ta’ *Ranidae*, u tal-ġeneri *Limnonectes*, *Fejervarya* u *Hoplobatrachus* mill-Familja ta’ *Dicroglossidae*;
- (26) “bebbux” tfisser bebbux kif definit fil-punt 6.2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u kwalunkwe bebbux ieħor tal-Familja ta’ *Helicidae*, *Hygromiidae* jew *Sphincterochilidae*;
- (27) “ġelatina” tfisser ġelatina kif definita fil-punt 7.7 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

▼ B

- (28) “kollaġen” tfisser kollaġen kif definit fil-punt 7.8 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (29) “għasel” tfisser għasel kif definit fil-punt 1 tal-Parti IX tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾;
- (30) “prodotti tal-apikultura” tfisser prodotti tal-apikultura kif definiti fil-punt 2 tal-Parti IX tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;
- (31) “laħam tar-rettili” tfisser laħam tar-rettili kif definit fil-punt (16) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/625;
- (32) “insetti” tfisser insetti kif definiti fil-punt (17) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/625;
- (33) “flieles ta’ ġurnata” tfisser flieles ta’ ġurnata kif definiti fil-punt (19) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;
- (34) “bajd għat-tifqis” tfisser bajd għat-tifqis kif definit fil-punt (44) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/429;
- (35) “pollam tat-tniissil” tfisser pollam tat-tniissil kif definit fil-punt (17) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;
- (36) “pollam produttiv” tfisser pollam produttiv kif definit fil-punt (18) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;
- (37) “annimali maħsuba għall-iskarnar” tfisser annimali maħsuba għall-iskarnar kif definiti fil-punt (13) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

▼ M7*Artikolu 2a*

Lista ta’ pajjiżi terzi bi pjanijiet ta’ kontroll approvati dwar l-użu ta’ sustanzi farmakoloġikament attivi, pestiċidi u kontaminanti f’ċerti annimali li jipproduċu l-ikel u prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem

1. Il-pjanijiet ta’ kontroll għal sustanzi farmakoloġikament attivi, pestiċidi u kontaminanti, imsemmija fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292 ⁽²⁾, li tressqu lill-Kummissjoni mill-pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom elenkati fit-tabella stipulata fl-Anness -I ta’ dan ir-Regolament, huma approvati għall-annimali li jipproduċu l-ikel u għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem immarkati b’“X” f’dik it-tabella.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292 tas-6 ta’ Settembru 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta’ rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta’ kunsinni ta’ annimali li jipproduċu l-ikel u ċerti oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 304, 24.11.2022, p. 1).

▼ **M7**

2. Il-pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom, li talbu biex jiddaħħlu fil-lista msemija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2292 li iżda ma ressqx pjanijiet ta' kontroll għal sustanzi farmakoloġikament attivi, pestiċidi u kontaminanti u li, skont dik it-talba, beħsiebhom jużaw għall-produzzjoni ta' prodotti maħsuba għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni materja prima biss jew minn Stati Membri inkella minn pajjiżi terzi oħra approvati għall-importazzjoni ta' tali materja prima fl-Unjoni f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, huma mmarkati b'"Δ", għall-ispeċi jew oġġett relevanti, fit-tabella fl-Anness -I ta' dan ir-Regolament.

3. Il-pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom, li talbu biex jiddaħħlu fil-lista msemija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2292 li iżda ma ressqx pjanijiet ta' kontroll għal sustanzi farmakoloġikament attivi, pestiċidi u kontaminanti għalannimali bovini, ovini/kaprini, porċini u ekwini, fniek jew pollam u li, skont dik it-talba, beħsiebhom jesportaw prodotti komposti fl-Unjoni billi jużaw prodotti tal-annimali proċessati minn dawg l-ispeċijiet miksuba minn Stat Membru jew minn pajjiż terz jew reġjun tiegħu li għandu fis-seħħ pjanijiet ta' kontroll għal sustanzi farmakoloġikament attivi, pestiċidi jew kontaminanti huma mmarkati b'"O", għall-ispeċijiet koperti mit-talba, fit-tabella fl-Anness -I ta' dan ir-Regolament.

4. Il-pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom, li talbu biex jiddaħħlu fil-lista msemija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2292, li huma mmarkati b'"X" fit-tabella fl-Anness -I ta' dan ir-Regolament għall-kategoriji "akkwakultura", "ħalib" jew "bajd" u li, skont dik it-talba, beħsiebhom jipproduċu prodotti komposti, huma mmarkati wkoll b'"O", għall-bqija ta' dawn il-kategoriji mhux immarkati b'"X", fit-tabella fl-Anness -I ta' dan ir-Regolament.

5. Il-pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom, li talbu biex jiddaħħlu fil-lista msemija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2292, li huma mmarkati b'"X" fit-tabella fl-Anness -I ta' dan ir-Regolament għall-kategoriji "bovini", "ovini/kaprini", "porċini", "ekwini", "pollam", "akkwakultura", "ħalib", "bajd", "fniek", "kaċċa selvaġġa" jew "kaċċa mrobbija" u li jipproduċu prodotti komposti bi prodotti proċessati derivati minn molluski bivalvi li joriġinaw jew fi Stati Membri jew f'pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom elenkati fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament, huma mmarkati wkoll b'"P" fit-tabella fl-Anness -I ta' dan ir-Regolament.

▼ **B***Artikolu 3*

Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' laħam frisk u preparati tal-laħam ta' unġulati għajr solipedi

Il-kunsinni ta' laħam frisk u preparati tal-laħam ta' unġulati għajr solipedi, maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni f'konformità mal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 ► **M7** u elenkati fl-Anness -I ta' dan ir-Regolament ◀.

▼B*Artikolu 4***Lista ta' pajjiżi terzi li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' laħam frisk, minbarra kkapuljat, u ta' preparati tal-laħam ta' solipedi domestiċi**

Il-kunsinni ta' laħam frisk, minbarra kkapuljat, u ta' preparati tal-laħam ta' solipedi domestiċi, maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi li huma elenkati fl-Anness I.

*Artikolu 5***Lista ta' pajjiżi terzi li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' laħam frisk, minbarra l-ġewwieni u l-ikkapuljat, u ta' preparati tal-laħam ta' solipedi selvaġġi**

Il-kunsinni ta' laħam frisk, minbarra l-ġewwieni u l-ikkapuljat, u ta' preparati tal-laħam ta' solipedi selvaġġi, maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi li huma elenkati fl-Anness II.

*Artikolu 6***Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' laħam frisk ta' tjur, ratiti u għasafar tal-kaċċa selvaġġi, u preparati tal-laħam ta' tjur**

Il-kunsinni ta' laħam frisk ta' tjur, ratiti u għasafar tal-kaċċa selvaġġi, u preparati tal-laħam ta' tjur, maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni f'konformità mal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 ► **M7** u elenkati fl-Anness -I ta' dan ir-Regolament ◀.

Il-kunsinni ta' laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa selvaġġi maħsuba għall-konsum mill-bniedem, li mhumiex imniffin u mhux bil-ġewwieni mneħħi, u li ġejjin minn pajjiżi terzi elenkati fl-Anness III, għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk jiġu ttrasportati bl-ajruplan.

*Artikolu 7***Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' bajd u prodotti tal-bajd**

Il-kunsinni ta' bajd u prodotti tal-bajd, maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni f'konformità mal-Anness XIX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 ► **M7** u elenkati fl-Anness -I ta' dan ir-Regolament għall-"bajd" ◀.

▼B

Il-kunsinni ta' bajd maħsuba għat-tqegħid fis-suq bħala bajd tal-Klassi A f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 589/2008 ⁽¹⁾ għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi li huma elenkati fl-Anness IV sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti fuq il-kontroll tas-Salmonella f'konformità mal-Artikolu 10(6) tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾.

Artikolu 8

Lista ta' pajjiżi terzi li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' laħam frisk ta' fniek imrobbija fl-irziezet, u ta' laħam frisk ta' leporidae selvaġġi mingħajr il-ġewwieni, ħlief għal leporidae selvaġġi bil-ġilda mhux imqaxxa u mhux bil-ġewwieni mneħħi

Il-kunsinni ta' laħam frisk ta' fniek imrobbija fl-irziezet u ta' laħam frisk ta' leporidae selvaġġi mingħajr il-ġewwieni, ħlief għal leporidae selvaġġi bil-ġilda mhux imqaxxa u mhux bil-ġewwieni mneħħi, maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi li huma elenkati fl-Anness V.

Artikolu 9

Lista ta' pajjiżi terzi li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' laħam frisk ta' mammali tal-art slavaġ għajr ungulati u leporidae, mingħajr il-ġewwieni

Il-kunsinni ta' laħam frisk ta' mammali tal-art slavaġ għajr ungulati u leporidae, mingħajr il-ġewwieni u maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi li huma elenkati fl-Anness VI.

Artikolu 10

Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' prodotti tal-laħam, inklużi xaħam tal-annimali mdewweb, qrieqeċ, estratti tal-laħam u stonkijiet, vexxiki u intestini trattati, minbarra l-budellat

Il-kunsinni ta' prodotti tal-laħam, inklużi xaħam tal-annimali mdewweb, qrieqeċ, estratti tal-laħam u stonkijiet, vexxiki u intestini trattati, minbarra l-budellat, ta' leporidae, ta' solipedi u ta' mammali tal-art slavaġ għajr ungulati u leporidae, maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi li huma elenkati fl-Anness VII.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 589/2008 tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-termini tal-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li jikkonċerna n-normi tat-tqegħid fuq is-suq applikabbli għall-bajd (ĠU L 163, 24.6.2008, p. 6).

⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 fuq il-kontroll tas-salmonella u aġenti Zoonotiċi oħra speċifiċi li jkun hemm ġewwa l-ikel (ĠU L 325, 12.12.2003, p. 1).

▼B

Il-kunsinni ta' prodotti tal-laħam, inklużi xaħam tal-annimali mdewweb, qrieqeċ, estratti tal-laħam u stonkijiet, vexxiki u intestini trattati, minbarra l-budellat, ta' speċijiet oħrajn minbarra dawk imsemmija fl-ewwel paragrafu, maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi jew ir-ġejuni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni f'konformità mal-Anness XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 ►**M7** u elenkati fl-Anness -I ta' dan ir-Regolament ◀.

*Artikolu 11***Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' budellat**

Il-kunsinni ta' budellat maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi jew ir-ġejuni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni f'konformità mal-Anness XVI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 ►**M7** u elenkati fl-Anness -I ta' dan ir-Regolament għall-“budellat” ◀.

*Artikolu 12***Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikat u gasteropodi tal-baħar ħajjin, imkessħin, iffriżati jew ipproċessati**

Il-kunsinni ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikat u gasteropodi tal-baħar ħajjin, imkessħin, iffriżati jew ipproċessati, u maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi jew ir-ġejuni tagħhom li huma elenkati fl-Anness VIII. Madankollu, id-dħul fl-Unjoni ta' muskoli adductor ta' pectinidae, għajr annimali tal-akkwakultura, separati kompletament mill-vixxi u l-gonadi u maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandu jkun permess ukoll minn pajjiżi terzi li ma jkunux jidhru f'dik il-lista.

*Artikolu 13***Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti prodotti tas-sajd**

Il-kunsinni ta' prodotti tas-sajd maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi jew ir-ġejuni tagħhom li huma elenkati fl-Anness IX. Dan ma japplikax għall-kunsinni ta' annimali u oġġetti koperti mill-Artikolu 12.

*Artikolu 14***Lista ta' pajjiżi terzi li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ħalib mhux ipproċessat, kolostru, prodotti bbażati fuq il-kolostru u prodotti tal-ħalib ta' solipedi**

Il-kunsinni ta' ħalib mhux ipproċessat, kolostru, prodotti bbażati fuq il-kolostru u prodotti tal-ħalib ta' solipedi, maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi li huma elenkati fl-Anness X.

▼B

Artikolu 15

Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ħalib mhux ipproċessat, kolostru, prodotti bbażati fuq il-kolostru u prodotti tal-ħalib, mhux meħtieġa li jgħaddu minn trattament speċifiku għall-mitigazzjoni tar-riskji kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer

Il-kunsinni ta' ħalib mhux ipproċessat, kolostru, prodotti bbażati fuq il-kolostru u prodotti tal-ħalib, mhux meħtieġa li jgħaddu minn trattament speċifiku għall-mitigazzjoni tar-riskji kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer u maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni f'konformità mal-Anness XVII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 ► **M7** u elenkati fl-Anness -I ta' dan ir-Regolament għall-“ħalib” ◀.

Artikolu 16

Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' prodotti tal-ħalib li jeħtieġ li jgħaddu minn trattament speċifiku għall-mitigazzjoni tar-riskji kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer

Il-kunsinni ta' prodotti tal-ħalib li jeħtieġ li jgħaddu minn trattament speċifiku għall-mitigazzjoni tar-riskji kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer u maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni f'konformità mal-Anness XVIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 ► **M7** u elenkati fl-Anness -I ta' dan ir-Regolament għall-“ħalib” ◀.

Artikolu 17

Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' saqajn taż-żrinġijiet u ta' bebbux

Il-kunsinni ta' saqajn taż-żrinġijiet u ta' bebbux, maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom li huma elenkati fl-Anness XI.

Artikolu 18

Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ġelatina u kollaġen

1. Il-kunsinni ta' ġelatina u kollaġen, derivati minn annimali bovini, ovini, kaprini, porċini u solipedi u maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom li huma elenkati fl-Anness XII.

2. Il-kunsinni ta' ġelatina u kollaġen, derivati minn tjur u maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi li huma elenkati fl-Anness XIII.

▼B

3. Il-kunsinni ta' ġelatina u kollaġen, derivati minn prodotti tas-sajd u maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom li huma elenkati fl-Anness IX.

4. Il-kunsinni ta' ġelatina u kollaġen, derivati minn leporidae u maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi li huma elenkati fl-Anness V.

5. Il-kunsinni ta' ġelatina u kollaġen, derivati minn mammali tal-art slavaġ għajr unġulati u leporidae u maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi li huma elenkati fl-Anness VI.

*Artikolu 19***Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' materja prima għall-produzzjoni ta' ġelatina u kollaġen**

1. Il-kunsinni ta' materja prima għall-produzzjoni ta' ġelatina u kollaġen, derivati minn annimali bovini, ovini, kaprini u porċini u maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi jew mir-reġjuni tagħhom awtorizzati għad-dħul ta' kunsinni ta' laħam frisk tal-unġulati speċifiċi fl-Unjoni f'konformità mal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

2. Il-kunsinni ta' materja prima għall-produzzjoni ta' ġelatina u kollaġen, derivati minn solipedi u maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi li huma elenkati fl-Anness I għal solipedi domestiċi jew fl-Anness II għal solipedi selvaġġi.

3. Il-kunsinni ta' materja prima għall-produzzjoni ta' ġelatina jew kollaġen, derivati minn tjur u maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni biss jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi jew mir-reġjuni tagħhom awtorizzati għad-dħul ta' kunsinni ta' laħam frisk tal-ispeċi rispettiva fl-Unjoni f'konformità mal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

4. Il-kunsinni ta' materja prima għall-produzzjoni ta' ġelatina u kollaġen, derivati minn prodotti tas-sajd u maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi jew mir-reġjuni tagħhom li huma elenkati fl-Anness IX.

5. Il-kunsinni ta' materja prima għall-produzzjoni ta' ġelatina u kollaġen, derivati minn leporidae u maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi li huma elenkati fl-Anness V.

6. Il-kunsinni ta' materja prima għall-produzzjoni ta' ġelatina u kollaġen, derivati minn mammali tal-art selvaġġi għajr unġulati u leporidae u maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi li huma elenkati fl-Anness VI.

▼ **B***Artikolu 20***Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' materja prima ttrattata għall-produzzjoni ta' ġelatina u kollaġen**

1. Il-kunsinni ta' materja prima ttrattata għall-produzzjoni ta' ġelatina u kollaġen, derivati minn annimali bovini, ovini, kaprini, porċini u solipedi u maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom li huma elenkati fl-Anness XII.
2. Il-kunsinni ta' materja prima ttrattata għall-produzzjoni ta' ġelatina u kollaġen, derivati minn tjur u maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi li huma elenkati fl-Anness XIII.
3. Il-kunsinni ta' materja prima ttrattata għall-produzzjoni ta' ġelatina u kollaġen, derivati minn prodotti tas-sajd u maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom li huma elenkati fl-Anness IX.
4. Il-kunsinni ta' materja prima ttrattata għall-produzzjoni ta' ġelatina u kollaġen, derivati minn leporidae u maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi li huma elenkati fl-Anness V.
5. Il-kunsinni ta' materja prima ttrattata għall-produzzjoni ta' ġelatina u kollaġen, derivati minn mammali tal-art selvaġġi għajr unġulati u leporidae u maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi li huma elenkati fl-Anness VI.

▼ **M9**

6. Il-kunsinni ta' materja prima ttrattata għall-produzzjoni tal-ġelatina u tal-kollaġen, imsemmija fl-Anness III, il-Kapitolu I, it-Taqsima XIV, il-punt 4(b)(iii) u l-Kapitolu I, it-Taqsima XV, il-punt 4(b)(iii) rispettivament tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom awtorizzati għad-dħul ta' kunsinni ta' materja prima ttrattata derivata minn dawk il-komoditajiet fl-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament.

▼ **B***Artikolu 21***Lista ta' pajjiżi terzi li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' għasel u prodotti tal-apikultura oħrajn**

Il-kunsinni ta' għasel u prodotti tal-apikultura oħrajn maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi ► **M7** elenkati fl-Anness -I għall-“għasel” ◀.

*Artikolu 22***Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti prodotti raffinati ħafna**▼ **M8**

Kunsinni ta' prodotti raffinati ħafna kif deskritt fis-Sezzjoni XVI tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, maħsubin għall-konsum mill-bniedem, għandhom jiġu awtorizzati biex jidħlu fl-Unjoni biss jekk jiġu mill-pajjiżi terzi li ġejjin jew mir-reġjuni tagħhom:

▼ B

- (a) fil-każ ta' prodotti raffinati ħafna derivati minn unġulati, il-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom li huma elenkati fl-Anness XII;
- (b) fil-każ ta' prodotti raffinati ħafna derivati minn prodotti tas-sajd, il-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom li huma elenkati fl-Anness IX;
- (c) fil-każ ta' prodotti raffinati ħafna derivati minn tjur, il-pajjiżi terzi li huma elenkati fl-Anness XIII.

*Artikolu 23***Lista ta' pajjiżi terzi li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' laħam ta' annimali rettili**

Il-kunsinni ta' laħam ta' annimali rettili maħsub għall-konsum mill-bniedem għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi li huma elenkati fl-Anness XIV.

*Artikolu 24***Lista ta' pajjiżi terzi li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' insetti**

Il-kunsinni ta' insetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk tali prodotti tal-ikel ikunu oriġinaw u ġew ikkonsenjati mill-pajjiżi terzi li huma elenkati fl-Anness XV.

*Artikolu 25***Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' prodotti oħrajn li joriġinaw mill-annimali**

Il-kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, għajr dawk imsem-mija fl-Artikoli 3 sa 24 maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom li ġejjin:

- (a) jekk ikunu derivati minn unġulati domestiċi għajr solipedi domestiċi, il-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom awtorizzati għad-dħul ta' laħam frisk ta' unġulati domestiċi fl-Unjoni f'konformità mal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 ► **M7** u elenkati fl-Anness -I ta' dan ir-Regolament, fejn applikabbli ◀;
- (b) jekk ikunu derivati minn solipedi domestiċi, il-pajjiżi terzi li huma elenkati fl-Anness I;
- (c) jekk ikunu derivati minn tjur, il-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom awtorizzati għad-dħul ta' laħam frisk tat-tjur fl-Unjoni f'konformità mal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 ► **M7** u elenkati fl-Anness -I ta' dan ir-Regolament, fejn applikabbli ◀;
- (d) jekk ikunu derivati minn prodotti tas-sajd, il-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom li huma elenkati fl-Anness IX;

▼B

- (e) jekk ikunu derivati minn leporidae, il-pajjiżi terzi li huma elenkati fl-Anness V;
- (f) jekk ikunu derivati minn mammali tal-art selvaġġi għajr unġulati u leporidae, il-pajjiżi terzi li huma elenkati fl-Anness VI;
- (g) jekk ikunu derivati minn aktar minn speċi waħda, il-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom li huma elenkati għal kull speċi li minnha jkunu derivati l-prodotti, f'konformità mal-punti (a) sa (e).

Artikolu 26

Lista ta' pajjiżi terzi li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' tjur ħajjin u ta' bajd għat-tifqis tal-ispeċi Gallus gallus, ta' dundjani ħajjin u ta' bajd għat-tifqis tad-dundjani

Mingħajr preġudizzju għal-listi mħejjija fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali fl-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, il-kunsinni ta' tjur ħajjin u ta' bajd għat-tifqis tal-ispeċi *Gallus gallus*, ta' dundjani ħajjin u ta' bajd għat-tifqis tad-dundjani għandhom ikunu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk ikunu ġejjin mill-pajjiżi terzi li huma elenkati fl-Anness XVI.

Ir-rekwiżiti tal-elenkar stipulati fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għal kunsinni uniċi ta' inqas minn 20 unità ta' tjur ħajjin għajr ratiti, bajd għat-tifqis u flieles ta' ġurnata tagħhom, meta jkunu destinati għall-produzzjoni primarja ta' tjur ħajjin għal użu domestiku privat jew meta jwasslu għall-provvista diretta, mill-produttur, ta' kwantitajiet żgħir ta' prodotti primarji, kif imsemmi fl-Artikolu 1(3) tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003.

▼M3*Artikolu 26a*

Lista ta' pajjiżi terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Unjoni, jiġu mċaqlqa lejn pajjiżi terzi jew reġjun tiegħu u jiġu mċaqlqa lejn l-Unjoni wara li jinħattu, jinħażnu u jitgħabbew mill-ġdid f'dak il-pajjiżi terzi jew ir-reġjun tiegħu

Il-kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Unjoni, li jiġu mċaqlqa lejn pajjiżi terzi jew reġjun tiegħu u jiġu mċaqlqa lejn l-Unjoni wara li jinħattu, jinħażnu u jitgħabbew mill-ġdid f'dak il-pajjiżi terzi jew ir-reġjun tiegħu, għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni biss jekk jiġu minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni skont l-Anness XXII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 u elenkati fid-Deċiżjoni 2011/163/UE.

▼B*Artikolu 27***Tħassir**

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/626 jitħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni mħassar għandhom jinftiehem bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness XVII.

▼B

Artikolu 28

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu jibda japplika mill-21 ta' April 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

ANNEX -I

Lista ta' pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom li għandhom pjanijiet ta' kontroll approvati għal ċerti animali li jipproduċu l-ikel u għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem kif imsemmija fl-Artikolu 2a, fl-Artikolu 3, fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, fl-Artikolu 7, l-ewwel paragrafu, fl-Artikolu 10, it-tieni paragrafu, fl-Artikoli 11, 15, 16, 21 u fl-Artikolu 25, il-punti (a) u (c)

Kodiċi ISO tal-Pajjiż	Pajjiż terz ⁽¹⁾ jew reġjuni tiegħu	Bovini	Ovini/kapri	Porċini	Ekwini	Pollam	Akkwawultura ⁽¹⁷⁾	Ħalib	Bajd	Fniek	Kaċċa salvaġġa	Kaċċa mrobbija	Għasel	Budellati
AD	Andorra	X	X	Δ	X		P						X	
AE	L-Emirati Għarab Magħquda						Δ P	X ⁽²⁾ O	O				X ⁽³⁾	
AL	L-Albanija		X				X ⁽¹⁴⁾ P	O	X					X
AM	L-Armenja						X ⁽¹⁴⁾ P	O	O				X	
AR	L-Arġentina	X	X		X	X	X ⁽¹⁴⁾ P	X	X	X	X	X	X	X
AU	L-Awstralja	X	X		X		X M	X	X		X	X	X	X
AZE	L-Ażerbajġan						X ⁽¹⁶⁾ P							
BA	Il-Bożnija-Herzegovina	X	X	X		X	X ⁽¹⁴⁾ P	X	X				X	
BD	Il-Bangladesh						X P							
BF	Il-Burkina Faso												X	
BJ	Il-Benin												X	
BN	Il-Brunei						X ⁽¹⁵⁾ P	O	O					

▼ M9

Kodiċi ISO tal-Pajjiż	Pajjiż terz ⁽¹⁾ jew reġjuni tiegħu	Bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Pollam	Akkwakultura ⁽¹⁷⁾	Ħalib	Bajd	Fniek	Kaċċa salvaġġa	Kaċċa mrobbija	Għasel	Budellati
BR	Il-Brażil	X			X	X	X P	O	O				X	X
BW	Il-Botswana	X					P							
BY	Il-Belarus				X ⁽⁸⁾		X ⁽¹⁴⁾ P	X	X				X	X
BZ	Il-Belize						X ⁽¹⁵⁾ P	O	O					
CA	Il-Kanada	X	X	X	X	X	X M	X	X	X	X	X	X	
CH	L-Iżvizzera ⁽⁷⁾	X	X	X	X	X	X ⁽¹⁴⁾ M	X	X	X	X	X	X	X
CL	Iċ-Ċili	X	X ⁽⁵⁾	X		X	X ⁽¹⁴⁾ M	X			X		X	X
CM	Il-Kamerun												X	
CN	Iċ-Ċina					X	X P	O	X	X			X	X
CO	Il-Kolombja						X P	O	Δ					
CR	Il-Costa Rica						X P	O	O					
CU	Kuba						X ⁽¹⁵⁾ P	O	O				X	
DO	Ir-Repubblika Dominicana												X	
EC	L-Ekwador						X P	O	O					

▼ **M9**

Kodiċi ISO tal-Pajjiż	Pajjiż terz ⁽¹⁾ jew reġjuni tiegħu	Bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Pollam	Akkwakultura ⁽¹⁷⁾	Ħalib	Bajd	Fniek	Kaċċa salvaġġa	Kaċċa mrobbija	Għasel	Budellati
EG	L-Eġittu													X
ET	L-Etjopja												X	
FK	Il-Gżejjer Falkland	X	X ⁽⁵⁾				X ⁽¹⁴⁾							
FO	Il-Gżejjer Faeroe						X ⁽¹⁴⁾ P	O	O					
GB	Ir-Renju Unit ⁽⁶⁾	X	X	X	X	X	X ⁽¹⁴⁾ Δ M	X	X	Δ	X	X	X	X
GE	Il-Georgia												X	
GG	Guernsey						M	X						
GL	Greenland		X ⁽⁵⁾				M					X		
GT	Il-Gwatemala						X ⁽¹⁵⁾ P	O	O				X	
